IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 4.3.2009
KUMM(2009) 114 finali

KOMUNIKAZZJONI GĦALL-KUNSILL EWROPEW TAR-REBBIEGĦA

Nixprunaw l-irkupru Ewropew

L-EWWEL VOLUM

KOMUNIKAZZJONI GĦALL-KUNSILL EWROPEW TAR-REBBIEGĦA

Nixprunaw l-irkupru Ewropew

1. INTRODUZZJONI

F'dawn l-aħħar sitt xhur l-Ewropa kienet taħt pressjoni mingħajr ebda preċedent minħabba kriżi ekonomika globali. Ir-reazzjoni tal-UE kienet prova tal-kapaċità ta' rkupru u tal-ħeffa tar-reazzjoni tagħna. Is-sitwazzjoni ppreżentat ukoll sfidi ta' koordinazzjoni u saħħet il-ħtieġa għal solidarjetà fost is-27 Stat Membru. Fil-ħarifa li għaddiet, l-UE ħadet l-azzjoni meħtieġa biex tevita l-kollass tas-swieq finanzjarji. F'Diċembru, hija qablet li ddaħħal fis-seħħ Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew (PREE) biex twaqqaf ir-ritmu tat-tnaqqis u toħloq il-kundizzjonijiet għal irpiljar. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri rrispondew b'mod pożittiv għall-ħtieġa li jieħdu miżuri biex jindirizzaw il-kriżi u jħejju għall-irkupru.

Issa li dawn qed jiġu implimentati, qiegħda tinħass il-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni sabiex l-impatti transkonfinali pożittivi ta' dawn il-miżuri jiżdiedu kemm jista' jkun. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jiġu ddefiniti l-passi li jmiss għall-indirizzar tal-kriżi u li l-UE titqabbad it-triq tal-irkupru. Jinkludi fih programm ambizzjuż għal riforma tas-settur finanzjarju, janalizza l-miżuri li ttieħdu għas-sostenn tad-domanda, għall-ispinta lill-investiment u għaż-żamma u l-ħolqien ta' impjiegi u jfassal proċess għat-tħejjija għas-Samit dwar l-Impjiegi ta' Mejju. Barra minn hekk, din il-Komunikazzjoni tpoġġi l-isforzi interni tal-UE fil-kuntest usa' tas-Samit prospettiv tal-G20 fejn l-UE għandha tippreżenta aġenda ambizzjuża għar-riforma tas-sistema ta' governanza finanzjarja internazzjonali.

Fl-istess ħin li l-ekonomija globali kompliet fit-triq tan-niżla, it-tnaqqis fid-domanda u l-impjiegi mitlufa qegħdin jolqtu lil negozji, familji u komunitajet madwar l-UE. Il-fiduċja fis-settur finanzjarju għadha fraġli. Dgħufijiet ġodda qegħdin jitilgħu fil-wiċċ u jeħtieġu reazzjoni koordinata. It-tnaddif tas-sistema bankarja huwa prerekwiżit biex il-kundizzjonijiet ta' kreditu jitreġġgħu lura għan-normal. Hija meħtieġa mobilizzazzjoni maġġuri ta' sforzi, għar-raġuni li l-irkupru mhux se jseħħ mil-lum għal għada.

L-istabilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji għadha ma affettwatx b'tali mod li ttaffi n-nuqqas ta' kreditu u biex jerġa' jibda l-fluss tas-self lil kumpaniji u familji. Din hija r-raġuni wkoll għaliex l-UE għandha żżomm ir-ritmu tar-riforma tas-settur finanzjarju, b'implimentazzjoni ta' riformi għar-regolamentazzjoni, u b'ħarsa 'l quddiem lejn sistema ta' sorveljanza li tkun aktar adattata għar-realitajiet transkonfinali tal-lum.

Sakemm dan is-self jibqa' skars, l-isforzi biex jiżdiedu d-domanda u l-fiduċja tal-konsumatur mhux se jagħtu frott. Minn meta l-Pjan ta' Rkupru ġie adottat f'Diċembru, diġà bdiet l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' stimulu li ntlaħaq ftehim dwaru. Għalkemm l-effetti pożittivi mhux se jinħassu fis-sistema ekonomika b'mod immedjat, id-daqs tal-isforz fiskali (madwar 3.3% tal-PGD tal-UE, jew aktar minn EUR 400 biljun) se jiġġenera investiment ġdid, se jgħin lill-ħaddiema u 'l-familji tagħhom u se jagħti spinta lid-domanda. Qed titwettaq ukoll azzjoni regolari fir-rigward tal-isforzi dwar l-għan fit-tul tal-bini ta' ekonomija tal-UE li tkun kompetittiva u sostenibbli, kif stabbiliti fl-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi. Dan jiżgura li l-UE mhux biss tindirizza t-tnaqqis immedjat, iżda titħejja biex tisfrutta l-opportunitajiet tal-ġejjieni bl-aħjar mod.

Fl-istess ħin, l-impatt fuq l-impjiegi nfirex sew. Jeħtieġ li tittieħed azzjoni mmirata biex tittaffa t-tbatija tal-individwi u biex ma jintilfux ħiliet siewja. Jistgħu u għandhom jittieħdu passi biex in-nies iżommu l-impjieg tagħhom matul dawn iż-żminijiet ekonomiċi diffiċili u biex jinstabu soluzzjonijiet kreattivi biex ma jintilifx l-għan li tiġi żviluppata forza tax-xogħol b'aktar ħiliet.

Din hija kriżi globali, u l-irkupru mhux se jitwettaq għalkollox qabel ma l-atturi prinċipali tal-ekonomija dinjija ma jerġgħux lura fit-triq tat-tkabbir u tal-kummerċ bejniethom. Il-miżuri li ttieħdu fl-UE nebbħu lis-sħab globali, u għenu biex jinbena kunsens għal azzjoni li dalwaqt għandha tkun riflessa f'azzjoni konkreta fil-laqgħa prospettiva tal-G20 f'Londra.

Hekk kif il-kriżi bdiet toħroġ fid-dieher, aktar bdiet tieħu sura ċara l-importanza tad-dimensjoni tal-UE. Is-suq uniku pprovda l-pedament għat-tkabbir ekonomiku tal-UE għal dawn l-aħħar 15-il sena, magna għat-tkabbir li ħoloq miljuni ta' impjiegi, li għamel Ewropa aktar kompetittiva u aktar effiċjenti. Huwa sawwar interdipendenza mingħajr preċedent li tfisser li, aktar minn qatt qabel, in-negozjanti, il-fornituri, il-manifatturi u l-konsumaturi huma ħoloq fl-istess katina. Il-kummerċ bejn l-Istati Membri nfushom huwa aktar b'saħħtu minn dak mal-bqija tad-dinja. Għalhekk, l-aħjar spinta li tista' tingħata lill-ekonomija hija li ssir ħidma f'konformità man-natura ta' din l-interdipendenza, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe tfixkil artifiċjali fuq l-impatt tal-miżuri tal-irkupru.

Dan jitfa' l-enfasi fuq l-importanza tal-koordinazzjoni. Filwaqt li għandhom jiġu rikonoxxuti d-differenzi ċari fis-sitwazzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-Istati Membri, kull wieħed għandu firxa wiesa' ta' lievi li jista' juża biex jindirizza ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Dawn il-lievi ser ikunu aktar effettivi jekk jintużaw f'qafas ċar tal-UE. Pereżempju, l-azzjonijiet nazzjonali għaż-żieda tad-domanda se jħallu effett pożittiv fil-livell transkonfinali fuq il-prodotti u s-servizzi fi Stati Membri oħrajn u għalhekk jikkontribwixxu għal ċirku virtwuż ta' rkupru għall-Ewropa inġenerali.

Fit-tul, l-ekonomija tal-UE tgawdi minn vantaġġi enormi. Billi żammet il-pożizzjoni b'saħħitha tagħha fis-swieq tal-esportazzjoni dinjija, hija wriet li għandha l-kompetittività li tirnexxi fi żmien il-globalizzazzjoni. Hija għandha forza tax-xogħol b'għadd kbir ta' ħiliet u mudelli soċjali li qed juru s-siwi tagħhom fi żmien ta' pressjoni estrema, u jħarsu dawk li huma l-aktar dgħajfa fis-soċjetà tagħna. L-UE tinsab f'pożizzjoni tassew tajba biex tittrasforma l-ekonomija tagħha f'waħda b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u biex tilqa' l-isfida teknoloġika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima. L-indirizzar tal-isfida tal-kriżi flimkien fi spirtu ta' solidarjetà huwa l-aħjar mod biex l-Ewropa tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-vantaġġi biex twaqqaf it-tnaqqis u tirritorna fit-triq tat-tkabbir.

2. IR-RIĠENERAZZJONI U Ż-ŻAMMA TA' SISTEMA FINANZJARJA STABBLI U AFFIDABBLI

2.1. It-trawwim mill-ġdid tal-fiduċja u s-self

Settur finanzjarju stabbli huwa prerekwiżit għall-iżvilupp ta' rkupru sostenibbli. Fil-ħarifa li għaddiet, azzjoni kkoordinata fil-livell Ewropew għar-rikapitalizzazzjoni u l-għoti ta' garanziji lil banek madwar l-UE evitat il-kollass tal-industrija bankarja Ewropea u għenet biex jerġa' jiġi injettat ammont ta' likwidità fis-swieq interbankarji.

Issa huwa ż-żmien li nibdew insegwu dawn il-pakketti ta' sostenn tas-settur finanzjarju biex jiġi żgurat li jkunu implimentati b'mod effettiv. Kemm l-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' appartenenza kif ukoll dawk ospitanti ta' istituzzjonijiet finanzjarji transkonfinali għandhom

interess reċiproku qawwi fiż-żamma tal-istabbiltà makrofinanzjarja billi jiggarantixxu l-finanzjament u l-istabbiltà tas-sistemi bankarji lokali u li jaderixxu mal-prinċipju tal-moviment ħieles tal-kapital.

Il-Kummissjoni diġà ppreżentat proposti leġiżlattivi biex jittejjeb il-ħarsien ta' dawk li jiddepożitaw flushom fil-banek, biex il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jkunu aktar affidabbli, biex jinkisbu l-aħjar inċentivi fit-titolizzazzjoni tas-swieq, u għat-tisħiħ tas-solidità u s-superviżjoni tal-banek u tal-kumpaniji ta' assigurazzjoni. Ittieħdu deċiżjonijiet rapidi dwar l-aġġustamenti għar-regoli ta' kontabbiltà sabiex l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropew jingħataw kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-kompetituri internazzjonali tagħhom. Dawn il-miżuri jagħmlu parti mill-bini ta' sistema aktar b'saħħitha u affidabbli għall-ġejjieni.

Iżda l-fiduċja fl-industrija bankarja għadha baxxa. Il-banek u atturi finanzjarji oħrajn għadhom fil-proċess li jnaqqsu l-influwenza tagħhom u għadhom ma assumewx ir-rwol użwali tagħhom fis-swieq bl-ingrossa jew bl-imnut. Huma qed iżommu approċċ restrittiv ħafna fir-rigward tas-self. Għalhekk huwa essenzjali li jerġa' jibda l-fluss ta' kreditu fl-ekonomija reali, biex ikun evitat tnaqqis ulterjuri tat-tkabbir ekonomiku.

Wasal iż-żmien li jinkiser iċ-ċiklu ta' fiduċja li qed tonqos u tan-nuqqas ta' rieda f'dak li hu self. F'ċerti każi, dan ifisser li tittieħed azzjoni diretta dwar il-parti tal-assi tal-karti tal-bilanċ tal-banek, biex tintemm l-inċertezza kemm dwar il-valutazzjoni tat-telf fil-ġejjieni kif ukoll dwar fejn dan jista' jseħħ. Biex nerġgħu niksbu l-fiduċja fis-settur bankarju b'mod ġenerali, il-banek b'assi mgħarrqa għandhom jiżvelawhom lill-awtoritajiet kompetenti.

Filwaqt li kompliet tibni fuq il-gwida li pprovdiet diġà dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għas-sostenn u r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji[1], il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni[2] biex tgħin lill-Istati Membri jfasslu miżuri biex jindirizzaw il-problema tal-assi mgħarrqa. L-alternattivi jinkludu l-akkwist min-naħa tal-Istat, garanziji tal-Istat, bdil jew arranġament li tkun tinkludi taħlita minn dawn is-soluzzjonijiet. Huma l-Istati Membri nfushom li għandhom jiddeċiedu jekk jużawx dawn l-istrumenti jew le u dwar il-mod kif jitfasslu. Iżda qafas komuni u koordinat fil-livell Ewropew, imsejjes fuq il-prinċipji tat-trasparenza, l-iżvelar, il-valutazzjoni u l-qsim tal-piżijiet, se jgħin biex jiggarantixxi li l-miżuri ta' ħelsien mill-assi jħallu l-aħjar effett.

Il-qafas se jiżgura ambjent ekwu bejn il-banek, jiffaċilita l-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u jillimita l-impatt fuq il-finanzi pubbliċi u jħejji għar-ristrutturar meħtieġ tas-settur. Minn hawn u ftit żmien ieħor il-Kummissjoni se tipprovdi gwida ddettaljata dwar l-approċċ tagħha għall-valutazzjoni tal-pjani ta' ristrutturar u vjabbiltà ta' banek individwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Hija se twettaq valutazzjoni fuq il-bażi ta' każi partikolari, b'kunsiderazzjoni tal-għajnuna totali li ngħatat permezz ta' rikapitalizzazzjoni, garanziji jew ħelsien mill-assi, biex tiżgura l-vjabbiltà fit-tul u r-ritorn lejn l-iffunzjonar normali tas-settur bankarju Ewropew.

Biex ittejjeb ċerti kundizzjonijiet ta' kreditu, il-BĊE u banek ċentrali oħrajn ipprovdew ammont konsiderevoli ta' likwidità. Huma diġà naqqsu r-rati tal-imgħax u l-BĊE wissa li jista' jagħti l-każ li jsir tnaqqis ulterjuri. Billi tinħoloq domanda għas-self, l-impatt tal-istimulu fiskali jista' jkun mistenni wkoll li jżid il-fiduċja fil-banek u r-rieda għal self. Għalhekk fix-xhur li ġejjin il-flussi tal-kreditu għandhom ikunu segwiti mill-qrib ħafna biex ikun żgurat li l-

[1] ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8 u ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.
[2] K(2009) 1345 (għadha mhix ippubblikata)

intervent pubbliku estensiv fis-settur finanzjarju tassew jirriżulta f'għajnuna għall-familji u n-negozji Ewropej.

2.2. Swieq finanzjarji responsabbli u affidabbli għall-ġejjieni

Il-kriżi ħarġet fid-dieher riskji inaċċettabbli, kemm reali u kif ukoll sistemiċi, fil-governanza kurrenti ta' swieq finanzjarji internazzjonali u Ewropej li ttieħdu fi żminijiet ta' inkwiet serju. Il-miżuri mingħajr preċedent li ttieħdu biex titreġġa' lura l-istabbiltà fis-settur għandhom isiru flimkien ma' riforma qawwija li tirrimedja d-dgħufijiet, tidentifika u tevita li jitfaċċaw dgħufijiet ġodda fil-ġejjieni. Jeħtieġ li n-negozji u ċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jafdaw l-istituzzjonijiet finanzjarji bħala sħab affidabbli li jittraduċu d-depożiti tagħhom f'investiment li hu daqstant ċentrali għas-saħħa fit-tul tal-ekonomija. Is-sorveljanza tas-suq u l-infurzar ta' prattiki kuntrattwali u kummerċjali se jkollhom rwol importanti biex il-konsumaturi jerġgħu jibdew jafdaw is-servizz bankarju għall-individwi.

Matul l-2009 l-Kummissjoni se tipproponi riforma ambizzjuża tas-sistema finanzjarja Ewropea li tinsab spjegata hawn taħt u f'aktar dettall fl-Anness I. Din ir-riforma se tistabbilixxi rotta ċara biex l-UE tmexxi u ssawwar il-proċess ta' bidla globali b'mod partikolari permezz tal-ħidma tal-G-20. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli tapplika l-qafas għal għajnuna urġenti ta' salvataġġ kif ukoll ir-riġenerazzjoni fit-tul tal-vjabbiltà fl-applikazzjoni tal-gwida eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat.

Ir-riforma se tiżgura li l-atturi relevanti u t-tipi kollha ta' strumenti finanzjarji jkunu suġġetti għar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza xierqa. Ir-riforma hija msejsa fuq il-valuri tar-responsbbiltà, integrità, trasparenza u konsistenza.

F'Novembru tas-sena li għaddiet, il-Kummissjoni inkarigat lil Grupp ta' Livell Għoli ppresedut minn Jacques De Larosière biex jippreżenta rakkomandazzjonijiet għal din ir-riforma, b'enfasi partikolari fuq is-sorveljanza. Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport ippreżentat fil-25 ta' Frar tal-2009 u taqbel mal-analżi tal-Grupp dwar il-kawżi tal-kriżi finanzjarja. Il-31 rakkomandazzjoni tal-Grupp joffru sett komprensiv ta' soluzzjonijiet konkreti għal azzjoni regolatorja, superviżorja u għal rimedju globali.

Bosta mir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp għal rimedju regolatorju se jikkontribwixxu għal kunsens dejjem jikber dwar fejn jeħtieġ li jsiru t-tibdiliet, u jirreflettu kwistjonijiet li tqajmu minn atturi ewlenin inkluż il-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni diġà ħadet inizjattivi konkreti f'oqsma bħal dak tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu; tal-assigurazzjoni; tar-reviżjoni tar-rekwiżiti tal-kapital taħt Basel II; il-prodotti titolizzati; ir-regoli tal-kontabbiltà li jimxu mas-suq u l-indirizzar tal-proċikliċità tal-miżuri regolatorji. L-industrija aċċettat it-talba tal-Kummissjoni li sal-31 ta' Lulju 2009 l-Credit Default Swaps għall-entitajiet Ewropej u għall-indiċi ta' entitajiet Ewropej jiġu trasferiti għal pjattaforma ċentrali tal-approvazzjoni stabbilita, rregolata u sorveljata fl-Ewropa. F'oqmsa oħrajn, bħar-regolamentazzjoni tal-fondi ta' lqugħ u ta' atturi oħrajn ta' investiment li ma jkunux fil-livell bankarju, it-trasparenza tas-swieq tad-derivati u regoli tal-konstabbiltà mtejba, il-proposti tal-Kummissjoni se jitressqu b'manjiera prijoritarja fix-xhur li ġejjin.

Fost ir-rakkomandazzjonijiet ta' interess partikolari li għamel il-Grupp hemm dik dwar il-ħtieġa li jiġi żviluppat sett ċentrali u armonizzat ta' standards li għandhom jiġu applikati madwar l-UE. Id-differenzi ewlenin fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li joħorġu minn eċċezzjonijiet, derogi, addizzjonijiet li saru fil-livell nazzjonali jew ambigwitajiet f'direttivi kurrenti għandhom jiġu identifikati u jitneħħew. Għalhekk il-Kummissjoni se tniedi inizjattiva importanti ġdida f'dan ir-rigward. Is-sejbiet tal-Grupp dwar is-sistema tas-sanzjonijiet juru wkoll il-ħtieġa għal spinta ġdida fuq dan il-front.

Fl-isfera tas-sorveljanza, mudelli ta' sorveljanza bbażati fil-livell nazzjonali għadhom mhumiex konformi mar-realtà ta' għadd dejjem jikber ta' banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni li qed joperaw fuq livell transkonfinali. Il-Kummissjoni diġà pproponiet li toħloq kulleġġi ta' superviżuri biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn is-superviżuri għal banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni transkonfinali. Il-koordinazzjoni fi ħdan it-tliet Kumitati tas-Superviżuri Ewropej kien pass sinifikanti 'l quddiem li madanakollu għandu l-limiti tiegħu. Il-Kummissjoni emendat il-mandati tal-Kumitati biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja, u ġie introdott it-teħid ta' deċiżjonijiet b'maġġoranza kkwalifikata u approċċ ta' "ikkonforma jew ispjega". Bħalissa l-awtorità tal-baġit tressqitilha proposta biex il-Kumitati jkunu ffinanzjati aħjar għall-attivitajiet tagħhom.

Ir-rapport tal-Grupp Larosière jenfasizza n-nuqqasijiet eżistenti fil-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta' kriżijiet u d-diffikultajiet ikkawżati minn nuqqas ta' kooperazzjoni, koordinazzjoni, konsistenza u fiduċja bejn superviżuri nazzjonali. Fir-rigward tan-negozji, il-konformità mal-għadd ta' sistemi differenti toħloq piżijiet amministrattivi u regolatorji addizzjonali. Il-Kummissjoni taqbel mas-sejbiet tal-Grupp li esperjenza reċenti ħarġet fid-dieher nuqqasijiet importanti kemm fil-mod kif is-superviżuri jittrattaw każijiet partikolari, kif ukoll fl-approċċ tagħhom għas-sistema finanzjarja b'mod ġenerali.

Fir-rigward tas-sorveljanza makro-prudenzjali, il-Kummissjoni tilqa' b'mod partikolari l-idea tal-Grupp dwar entità Ewropea ġdida, taħt il-partoċinju tal-BĊE u li tinvolvi lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej, għall-ġbir u l-valutazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riskji kollha tas-settur inġenerali, madwar is-setturi kollha tal-finanzi. Tali entità tkun f'pożizzjoni tajba biex tidentifika r-riskji sistemiċi fil-livell Ewropew u toħroġ twissijiet dwar ir-riskju. Strumenti obbligatorji ta' segwitu u monitoraġġ, u l-possibbiltà li ċerti kwistjonijiet jgħaddu minn mekkaniżmi ta' twissijiet bikrija, ikunu tassew essenzjali.

F'termini ta' kumpaniji ta' sorveljanza individwali, il-Grupp irrakkomanda l-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza Finanzarja (SESF). Fl-ewwel fażi jissaħħu t-tliet Kumitati ta' Superviżuri Ewropej kif ukoll is-superviżuri nazzjonali, filwaqt li jiġu introdotti sett aktar armonizzat ta' setgħat ta' sorveljanza u sistemi ta' sanzjonijiet. Fit-tieni fażi, il-Kumitati jiġu ttrasformati f'Awtoritajiet li jwettqu ċerti kompiti fil-livell Ewropew, filwaqt li jiddependu fuq kulleġġi ta' superviżuri u superviżuri nazzjonali għas-sorveljanza ta' kumpaniji individwali minn jum għal jum. Reviżjoni wara tliet snin tikkunsidra l-ħtieġa għal tisħiħ ulterjuri tal-SESF.

Il-Kummissjoni taqbel mas-sejbiet tal-Grupp li l-istruttura eżistenti tal-Kumitati – li għandhom rwol li laħaq il-limitu ta' dak li huma legalment possibbli - mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, u jeħtieġ li l-ineffiċjenzi fl-istruttura kurrenti jiġu solvuti mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li sistema li tlaqqa' ċerti responsabbiltajiet ċentralizzati fil-livell Ewropew filwaqt li żżomm rwol ċar għal superviżuri nazzjonali li jinsabu eqreb il-ħidma ta' kuljum tal-kumpaniji, għandha l-vantaġġi tagħha.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li hija meħtieġa azzjoni urġenti u ser tipproponi li l-implimentazzjoni tas-sejbiet tal-Grupp tiġi aċċelerata. Jekk jitlaqqgħu ż-żewġ fażijiet proposti mill-Grupp, għandu jkun possibbli li t-titjib tal-kwalità u l-koerenzja tas-sorveljanza fl-Ewropa tinkiseb aktar malajr, u li t-tliet Kumitati eżistenti jinbidlu f'awtoritajiet fi ħdan sistema ta' soreveljanza finanzjarja Ewropea. Il-fattibbiltà dwar jekk jitlaqqgħux awtorità waħda jew aktar minn dawn għandha tkun eżaminata bil-għan li tiġi żgurata l-aħjar sorveljanza u għat-tisħiħ tal-konsistenza u l-interazzjoni bejn l-esperti tas-sorveljanza tal-banek, tal-assigurazzjoni u tas-swieq.

L-awtoritajiet jistgħu jingħataw ir-responsabbiltà ta' sorveljanza u setgħat aħħarija ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-kuleġġi ta' superviżuri għal gruppi transkonfinali; jiżguraw il-konsistenza u l-aħjar prassi billi jistabbilixxu standards komuni għoljin jipprovdu interpretazzjonijiet komuni tar-rekwiżiti għal attivitajiet ta' sorveljanza; u rwol ewlieni f'mekkaniżmi ta' twissija bikrija u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, f'ħidma mal-entità stabbilita biex iżżomm ħarsitha fuq l-istampa globali.

Filwaqt li tkompli tibni fuqi r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Larosière, issa l-Kummissjoni se tiżviluppa proposti li jistabbilixxu sistema Ewropea ta' sorveljanza finanzjarja ġdida. Il-Kummissjoni se tislet mill-fehmiet espressi mill-Istati Membri, il-Kumitati eżistenti, il-Parlament Ewropew, il-BĊE u partijiet interessati oħrajn biex tħejji l-proposti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, f'konformità mal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar.

Biex fil-ġejjieni s-swieq finanzjarji jkunu responsabbli u affidabbli, il-Kummissjoni se tipproponi programm ambizzjuż ġdid ta' riforma, b'ħames għanijiet ewlenin:

(1) Tipprovdi lill-UE b'**qafas ta' sorveljanza** li jikxef ir-riskji potenzjali fi stadju bikri, li jindirizzahom b'mod effettiv u qabel ma jħallu impatt, u jiffaċċja l-isfida ta' swieq finanzjarji internazzjonali kumplessi. Il-Kummissjoni se tippreżenta **pakkett Ewropew ta' sorveljanza finanzjarja** qabel l-aħħar ta' Mejju 2009, biex tittieħed deċiżjoni dwaru fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju. It-tibdil leġiżlattiv li jdaħħal fis-seħħ dawn il-proposti se jsegwi fil-ħarifa u għandu jkun adottat fil-ħin biex l-arranġamenti mġedda tas-sorveljanza jkunu fis-seħħ matul-2010. Il-pakkett se jinkludi żewġ elementi:

- Fir-rigward tas-sorveljanza makro-prudenzjali, miżuri li jistabbilixxu **entità Ewropea** li tissorvelja s-**sistema finanzjarja kollha kemm hi**

- fir-rigward tas-sorveljanza mikro-prudenzjali, proposti dwar l-arkitettura ta' **sistema Ewropea ta' sorveljanza finanzjarja**

(2) Biex tinstab soluzzjoni għan-nuqqasijiet fejn ir-**regolamentazzjoni** fuq livell Ewropew u nazzjonali hija insuffiċjenti jew inkompleta, bbażata fuq approċċ fejn is-sikurezza tkun l-ewwel prijorità. Il-Kummissjoni se tipproponi:

- Strument leġiżlattiv komprensiv li jistabbilixxi standards regolatorji u ta' sorveljanza għall-**fondi ta' lqugħ, l-ekwità privata** u dawk l-atturi b' importanza sistemika fis-suq (April 2009)

- White Paper dwar **l-istrumenti ta' intervent bikri** għall-prevenzjoni ta' kriżijiet (Ġunju 2009)

- Abbażi ta' rapport dwar **id-derivati** u ta' prodotti oħrajn li huma strutturati b'mod kumpless (Ġunju 2009), inizjattivi xierqa biex tiżdied it-trasparenza u tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja

- Proposti leġiżlattivi biex tiżdied il-kwalità u l-kwantità tal-**kapital prudenzjali** għal attivitajiet tar-reġistru tan-negozju u biex tiġi indirizzata t-titolizzazzjoni kumplessa (Ġunju 2009) u biex jiġu indirizzati r-riskju tal-likwidta' u l-influwenza eċċessiva (Ħarifa 2009)

- Programm kontinwu ta' azzjonijiet li jistabbilixxi **sett ħafna aktar konsistenti ta'**

regoli ta' sorveljanza (li għandu jitnieda fl-2009)

(3) Biex jiġi żgurat li **l-investituri, il-konsumaturi u l-SMEs Ewropej ikollhom il-possibbiltà li jkollhom fiduċja** dwar it-tfaddil tagħhom, l-aċċess għall-kreditu, u d-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' prodotti finanzjarji, il-Kummissjoni se tipproponi:

- Komunikazzjoni dwar il-**prodotti ta' investiment mhux professjonali** biex tissaħħaħ l-effikaċja tas-salvagwardji tal-kummerċjalizzazzjoni (April 2009)
- Miżuri ulterjuri għat-tisħiħ tal-**ħarsien tad-depożitanti, l-investituri u tad-detenturi ta' poloz ta' assigurazzjoni** (Ħarifa 2009)
- Miżuri dwar **l-għoti u t-teħid b'self responsabbli** (Ħarifa 2009)

(4) Biex **tittejjeb il-ġestjoni tar-riskju** f'ditti finanzjarji u ssir il-konverġenza tal-**inċentivi tal-ħlas** ma' prestazzjoni sostenibbli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni sejra:

- Issaħħaħ ir-Rakkomandazzjoni li għamlet fl-2004 dwar **ir-remunerazzjoni tad-diretturi** (April 2009)
- Tressaq Rakkomandazzjoni ġdida dwar **ir-remunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji** (April 2009) segwita minn proposti leġiżlattivi li jinkludu skemi ta' remunerazzjoni li jaqgħu fl-ambitu tas-sorveljanza prudenzjali (Ħarifa 2009)

(5) Biex tiżgura **sanzjonijiet aktar effettivi** kontra kull imġiba ħażina fis-suq. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha:

- Tirrevedi d-**Direttiva dwar l-Abbuż tas-Swieq** (Ħarifa 2009)
- Tagħmel rapporti dwar kif **is-sanzjonijiet** jistgħu jissaħħu u jiġu implimentati aħjar (Ħarifa 2009)

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa biex japprova din ir-riforma qabel is-Samit tal-G-20 f'Londra. Dan se joħroġ fid-dieher ir-rieda u l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tieħu miżuri ambizzjużi għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-G-20 ta' Washington. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu mistiedna biex tingħata l-prijorità dovuta għall-proposti ġejjiena tal-Kummissjoni.

3. IS-SOSTENN GĦALL-EKONOMIJA REALI

L-ekonomija globali tinsab maqbuda fl-agħar reċessjoni li ilha ma sseħħ bħalha għexieren ta' snin. Il-kummerċ dinji naqas b'ritmu mgħaġġel. Il-produzzjoni industrijali naqset b'ritmu mgħaġġel lejn tmien l-2008. Kemm L-Istati Uniti kif ukoll il-Ġappun esperjenzaw tnaqqis sinifkanti tal-PGD, filwaqt li ċ-Ċina kellha l-anqas rata ta' tkabbir sa mill-2001 li tirrefletti t-tnaqqis drammatiku fil-kummerċ dinji.

L-ekonomija ma setgħetx tevita dan it-tnaqqis madwar id-dinja. Issa, kemm iż-żona tal-euro kif ukoll l-UE kollha kemm hi jinsabu f'reċessjoni serja. Il-produzzjoni tal-manifattura u l-kostruzzjoni kienet fost l-agħar li ntlaqtet u t-telf f'termini ta' snin sħaħ huwa stmat li jammonta għal EUR 150 biljun. Is-settur tal-karozzi waħdu naqqas bi 32.3%, li wassal għal deterjorament f'bosta setturi oħrajn. L-esportazzjonijiet tal-manifattura minn pajiżi tal-UE

lejn dawk li mhumiex naqset b'5.8% f'Novembru/Diċembru 2008, filwaqt li l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE kien 13.7% anqas mis-sena ta' qabel.

Iżda filwaqt li l-PGD mistenni jonqos bi kważi 2% fl-2009[3], għandu jirkupra gradwalment għal madwar ½% fl-2010 parzjalment minħabba l-effetti tal-miżuri ta' politika li qed tittieħed fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali taħt il-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew (PREE).

3.1. L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew

F'Diċembru tal-2008, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, intlaħaq ftehim dwar Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew (PREE) ambizzjuż. Fil-qalba tiegħu hemm l-isforz koordinat biex l-ekonomija Ewropea tingħata spinta fiskali immedjata, filwaqt li jimmira dan l-investiment għat-tisħiħ tal-ekonomija Ewropea għall-isfidi fit-tul tal-ġejjieni. Huwa rrikonoxxa li t-tnaqqis tad-domanda privata wassal biex, fuq żmien qasir, ir-rwol tan-nefqa pubblika sar wieħed aktar importanti.

L-impatt sħiħ tal-PREE se joħroġ aktar biċ-ċar biss fix-xhur li ġejjin, iżda l-ewwel sinjali jidhru pożittivi, kemm f'termini ta' volum tal-istimulu kif ukoll f'dik li hija d-direzzjoni tar-riformi. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri adottawh jew ħabbru miżuri ta' stimulu fiskali. Fuq il-perjodu tal-2009 u l-2010, il-politika fiskali qed tipprovdi sostenn lill-ekonomija ta' madwar 3.3% tal-PGD, ekwivalenti għal aktar minn EUR 400 biljun, sostenn potenzjali enormi għat-tkabbir u l-impjiegi madwar l-UE.

Sehem imdaqqas minn dan is-sostenn ġej mit-tħaddim ta' stabilizzaturi awtomatiċi li fl-UE huma partikolarment b'saħħithom. Jiġi wkoll minn pakketti ta' stimulu fiskali diskrezzjonali mill-Istati Membri li jammontaw għal madwar 1.2% tal-PGD li saret sejħa għalihom fil-PREE, għalkemm l-iskala tvarja ħafna skont il-possibbiltà ta' manuvra fiskali tal-Istat Membru partikolari. EUR 30 biljun ieħor, jew 0.3% tal-PGD, ġew allokati minn għejun tal-UE[4]. Il-Kummissjoni pproponiet investiment immirat li jammonta għal EUR 5 biljuni biex tiġi indirizzata l-isfida tas-sigurtà tal-enerġija u biex il-komunitajiet rurali jiġu inklużi f'netwerk ta' internet ta' veloċità għolja, kif ukoll permezz ta' ħlasijiet addizzjonali bil-quddiem taħt il-politika ta' koeżjoni li jammontaw għal EUR 11-il biljun, li EUR 7 biljuni minnhom ingħataw lil Stati Membri ġodda. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) saħħaħ il-possibiltajiet ta' self lill-SMEs bi EUR 15-il biljun.

Il-parti l-kbira mill-miżuri tal-Istati Membri huma mmirati tajjeb biex jistimulaw id-domanda: sostenn lill-familji u lin-negozji, u lill-impjiegi, żieda diretta tad-domanda permezz ta' investiment pubbliku u l-immodernizzar ta' infrastruttura (għal aktar dettalji ara l-Anness II). Il-parti l-kbira ta' dawn il-miżuri huma konsistenti mal-għanijiet fit-tul identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi taħt l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi – bħall-bini tal-bażi tal-għarfien tal-Ewropa, għal spinta fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija u l-adattament ta' ekonomija b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Implimentazzjoni effettiva u rapida ta' dawn il-miżuri se tkun kruċjali, u jeħtieġ li tkun ikkumplimentata b'azzjoni għat-titjib tal-kundizzjonijiet tan-negozji. L-UE għandha kull interess li żżomm bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva fil-mixja tagħha lejn ekonomija bbażata fuq l-għarfien u b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju. Minħabba n-natura kumplessa tal-produzzjoni industrijali moderna, l-ekonomiji fuq skala kbira u l-opportunitajiet

---

[3] Skont il-previżjonijiet għal Jannar tal-Kummissjoni.

[4] Inklużi għadd ta' partenarjati pubbliċi privati ġodda.

għal diversifikazzjoni li nħolqu mis-Suq Uniku, f'dawn l-aħħar snin l-UE żviluppat politika ta' sostenn orizzontali għall-industrija. Kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, dan ifisser li r-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, it-teknoloġiji ġodda u ambjentali kif ukoll it-taħriġ, kollha jistgħu jkunu iffinanzjati bħala miżuri ta' sostenn u żvilupp. Dawn il-miżuri orizzontali jistgħu jiġu implimentati f'setturi differenti tal-ekonomija tal-UE, kif intwera dan l-aħħar fil-qafas tal-UE għall-industrija tal-karozzi, li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fil-25 ta' Frar[5].

Barra minn hekk l-Istati Membri qegħdin jagħtu prijorità lill-ħtiġiet tal-SMEs minħabba l-kontribut enormi li dawn jagħtu għall-impjiegi globali fl-UE u huma mistiedna jaċċeleraw l-implimentazzjoni tal-Att dwar in-Negozji Żgħar. Fi ftit żmien il-Kummissjoni se tressaq proposta leġiżlattiva biex tindirizza l-kwistjoni tal-ħlasijiet tard b'mod aktar effettiv. Barra minn hekk, il-potenzjal ta' regolamentazzjoni aħjar għandu jintuża bis-sħiħ, prinċipalment permezz tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

Azzjoni biex jiżdiedu l-ħiliet, biex tingħata spinta fl-investiment għar-riċerka, għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, għat-tixrid tal-Internet ta' veloċità għolja, għat-tiġdid tal-infrastruttura eżistenti tat-trasport u l-enerġija, inkluż permezz użu aktar frekwenti ta' partenarjati pubbliċi privati, għat-tiġdid tal-użu effiċjenti tal-enerġija u biex tiżdied l-enerġija rinnovabbli; kollha jikkonverġu mal-għanijiet tal-PREE. Tali azzjoni ser tkun iffaċilitata mill-adozzjoni rapida tal-emendi proposti tal-leġiżlazzjoni dwar il-politika ta' koeżjoni. L-Istati Membri kollha huma inkoraġġiti li jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet mogħtija minn dawn l-emendi biex jaċċeleraw l-investimenti prinċipali.

Il-komprensjoni u l-ġestjoni tal-impatt fit-tul tal-kriżi fuq il-finanzi pubbliċi - u l-ġestjoni tal-konsegwenzi fuq is-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa - ukoll se jkunu importanti ħafna. L-iżbilanċi fil-baġit għandhom jerġgħu lura għal pożizzjonijiet konsistenti mal-ħtieġa tal-iżgurar ta' sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi hekk kif il-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettuh, speċjalment fid-dawl tal-ispejjeż prospettivi b'rabta ma' popolazzjoni li qed tikber fl-età. Is-sostenibbiltà fit-tul għandha tiġi żgurata fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Bħalissa xi Stati Membri jinsabu fil-proċess li jnaqqsu l-iżbilanċ tal-baġit biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-flussi ta' kreditu esterni. Il-faċilità ta' sostenn għal għajnuna fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro ssaħħet wara li ngħata sostenn f'waqtu lill-Ungerija u 'l-Latvja.

Il-PREE jagħmel parti mill-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-kriżi attwali. Il-PREE qed jagħti l-aħjar bilanċ bejn stimulu immedjat u perspettiva fit-tul li hija meħtieġa. B'riżultat ta' dan, l-Ewropa għandha tkun imħejjija aħjar biex tiffaċċja l-isfidi ta' ekonomija dinjija bbażata aktar fuq attivitajiet ta' livelli anqas ta' karbonju u aktar innovattivi.

Il-Kummissjoni se ssegwi l-impatt tal-miżuri meħuda mill-qrib, flimkien mal-Istati Membri, u se tirrapporta dwar il-progress li jsir qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

3.2. Is-Suq Uniku bħala lieva għall-irkupru

L-irkupru ekonomiku Ewropew ta' suċċess se jiddependi fuq il-kapaċità tagħna li nutilizzaw is-swieq interni u globali bl-aħjar mod. Is-Suq Uniku kien il-mutur ta' prosperità ekonomika u

---

[5] COM (2009) 104, 25.2.2009.

soċjali u ta' ħolqien ta' impjiegi fl-UE[6]. Huwa joffri ekonomji ta' skala kbira, żidiet fl-effiċjeza, u ċ-ċans li l-vantaġġi tal-UE jintużaw bl-aħjar mod. Is-Suq Uniku jista' jkun wieħed mill-fatturi ewlenin li jwasslu għall-irkupru, dejjem jekk ikun koordinat mill-qrib fil-livell Ewropew.

Bl-għajnuna tagħha għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni għall-kriżi, il-Kummissjoni żgurat li bit-tifsil ta' miżuri ta' sostenn għad-domanda l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-flessibbiltà disponibbli taħt ir-regoli Komunitarji eżistenti. L-użu tal-proċedura aċċelerata ta' akkwist pubbliku jfisser li kuntratti ta' investiment pubbliku jkunu jistgħu jiġu ffirmata fi żmien xahar. Il-qafas temporanju għall-miżuri tal-għajnuna mill-Istat jgħinu lill-kumpaniji biex ikollhom aċċess għall-finanzi fi żmien ta' kundizzjonijiet restrittivi ta' self mill-banek. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali għall-krediti għall-esportazzjoni permezz ta' entitajiet pubbliċi fejn, minħabba l-kriżi finanzjarja, tali assigurazzjoni ma tkunx għadha tista' tingħata mis-settur privat.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-UE tissokta bil-ħidma tagħha ta' titjib tal-ambjent kummerċjali, għas-soistenn tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju li x'aktarx se jkunu l-protagonisti ladarba l-ekonomija tirkupra. Dan l-aħħar il-Kummissjoni ppreżentat proposti biex tnaqqas il-piżijiet tal-kontabbiltà fuq il-mikrointrapriżi, bi tfaddil potenzjali ta' madwar EUR 6 biljuni għan-negozji[7], u se tkompli tevalwa attentament il-piż ta' inizjattivi ġodda. It-traspożizzjoni f'waqtha din is-sena tad-Direttiva dwar is-Servizzi se tippreżenta mezz ulterjuri għall-promozzjoni ta' attività ekonomika ġdida u opportunitajiet ġodda ta' xogħol.

Ir-rispett tal-benefiċċji tas-Suq Uniku, u l-promozzjoni tal-istess valuri lil hinn mill-Ewropa, se jkun punt ta' tluq uniku biex l-Ewropa terġa' taqbad it-triq tat-tkabbir. Il-protezzjoniżmu u l-għeluq fis-swieq nazzjonali jwasslu biss għal staġnar, reċessjoni aktar profonda u itwal, u t-telfien tal-prosperità.

L-azzjoni li se jieħdu l-Istati Membri biex jindirizzaw il-kriżi għandha tikkunsidra d-dimensjoni tas-Suq Uniku. Kważi l-Istati Membri kollha, jekk mhux kollha kemm huma, se jintervjenu biex jagħtu sostenn lill-attività ekonomika fit-territorju tagħhom waqt il-kriżi. L-użu intelligenti tal-lievi nazzjonali fil-kuntest Ewropew huwa l-aħjar mod biex ikun żgurat li l-azzjoni tkun waħda effettiva.

Il-miżuri nazzjonali jistgħu jkunu effettivi l-aktar jekk l-Istati Membri jkollhom is-serħan il-moħħ li qed jaġixxu b'mod konformi mas-suq uniku. F'ħidma mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tinsab lesta li tipprovdi għajnuna fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri konkreti, permezz tal-promozzjoni tal-iskambju ta' prassi tajba u ta' esperjenza fl-ambitu tal-politika. Din il-koordinazzjoni tista' tiżgura li l-effetti pożittivi jinħassu bl-aħjar mod. Għandha tinkludi wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-miżuri li jittieħdu kif ukoll valutazzjonijiet tal-impatt konġunti ta' dawn il-miżuri. L-Anness III jipprovdi gwida ulterjuri dwar kif l-Istati Membri jistgħu jfasslu miżuri ta' rkupru bil-għan li jiżguraw il-kompatibbiltà tagħhom mal-aktar leġiżlazzjoni Komunitarja relevanti.

---

6 Is-Suq Intern żied il-prosperità tal-UE b'2.15% tal-PGD tal-UE għal sena wara l-oħra filwaqt li ħoloq 2.75 miljun impjieg aktar bejn l-1992 u l-2006. Bejn l-1995 u l-2005 il-kummerċ intra-UE f'paragun mal-PDG żdied bi 30%.

7 COM (2009) 83, 26.2.2009.

3.3. It-tiġdid tal-ekonomija Ewropea fiż-żmien ta' wara l-kriżi

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar it-tbatija reali li din il-kriżi doppja – finanzjarja u ekonomika – qed tikkawża lill-familji u lin-negozji Ewropej. It-triq tal-irkupru se tkun waħda gradwali u se tkun teħtieġ mobilizzazzjoni maġġuri ta' sforz minn dawk kollha involuti biex jgħaġġlu l-pass tar-riformi strutturali taħt l-Istrateġija ta' Liżbona. Permezz tal-koordinazzjoni tal-isforzi tagħna u billi nagħmlu l-aħjar użu mill-vantaġġi kompetittivi tagħna, speċjalment is-Suq Uniku, aħna nistgħu miżguraw li l-Ewropa toħroġ mir-reċessjoni aktar malajr.

Billi nżommu ħarsitna fuq il-prinċipji komuni tagħna u fuq l-objettivi fit-tul tal-politiki tagħna, il-miżuri li qegħdin nieħdu matul din il-kriżi se jħejjulna s-sisien għal tranżizzjoni mingħajr intoppi lejn l-ekonomija Ewropea tal-ġejjieni. B'mod partikolari, għandna nżommu r-ritmu tal-isforzi tagħna biex insiru ekonomija b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju: meta l-ekonomija taqleb għall-aħjar it-teknoloġiji u l-prodotti ekoloġiċi għandhom ikunu s-swieq ewlenin. Jeħtieġ li nibdew ħidma dwar kif nistgħu ntejbu l-istrutturi li rridu nużaw biex nindirizzaw l-irkupru: xi kumpaniji se jirristrutturaw, oħrajn se jiddiversifikaw, jistgħu jkun li xi wħud joħorġu mis-suq. Il-proċess biex kumpaniji nazzjonalizzati jergħu jiġu privatizzati u biex b'mod ġenerali l-livell ta' intervent mill-Istat fl-ekonomiji tagħna jerġa' lura għal livelli aktar normali se jkun jeħtieġ ġestjoni attenta. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-Komunità tista' tgħin f'dan il-proċesss vitali, u tmexxih għall-kisba ta' riżultati aktar miftuħa, effiċjenti u innovattivi.

It-tagħlimiet li joħorġu mill-kriżi għandhom jiġu kkunsidrati fit-tiġdid tal-aġenda Ewropea ta' riforma strutturali. Il-Kummissjoni, bl-esperjenza ta' dawn l-avvenimenti reċenti, biħsiebha tniedi dibattitu dwar il-Linji Gwida Integrali għat-Tkabbir u l-Impjiegi taħt l-Istrateġij ta' Liżbona, li jiggwidaw lill-Istati Membri u lill-Komunità fit-tħejjija tal-programmi rispettivi tagħhom għal riforma struttuali.

Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u ma' partijiet interessati oħrajn tal-istrateġija ta' Liżbona biex tikkunsidra l-eżitu ta' dan id-dibattitu fit-tifsil tal-Istrateġeija ta' Liżbona għal wara l-2010. Dan il-proċess ser jibda b'analiżi ġenerali tal-Istrateġija riveduta ta' Liżbona taħt il-Presidenza Żvediża fi tħejjija għal deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fir-rebbiegħa tal-2010 taħt il-Presidenza Spanjola.

L-impatt sħiħ tal-PREE se se joħroġ aktar biċ-ċar biss fix-xhur li ġejjin, iżda l-ewwel sinjali jidhru pożittivi, kemm f'termini tal-volum tal-istimulu kif ukoll f'dik li hija d-direzzjoni tar-riformi:

– Issa l-parti l-kbira tal-Istati Membri adottaw jew ħabbru pakketti ta' stimulu fiskali, li jilħqu l-mira globali ta' 1.5% tal-PGD tal-Unjoni. Meta jiġu kkunsidrati l-effetti tal-istabilizzaturi awtomatiċi, ġie allokat sostenn fiskali ta' madwar 3.3% tal-PGD għall-irkupru. Dan jammonta għal aktar minn EUR 400 miljun, li huwa stimulu enormi għat-tkabbir u l-impjiegi.

– Il-parti l-kbira tal-miżuri tal-Istati Membri huma mmirati biex jistimolaw id-domanda u huma konsistenti ma' għanijiet fit-tul bħaż-żieda tal-ħiliet, it-tisħiħ tal-investimenti fl-innovazzjoni, il-promozzjoni ta' internet ta' veloċità għolja, it-tiġdid tal-infrastruttura eżistenti tat-trasport u l-enerġija.

– Il-Kummissjoni żgurat li bit-tifsil ta' miżuri ta' sostenn għad-domanda l-Istati Membri jkuni jistgħu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-flessibbiltà disponibbli taħt ir-regoli Komunitarji. Pereżempju, dan l-aħħar il-Kummissjoni ppreżentat gwida dwar miżuri għall-industrija tal-karozzi bħala għajnuna lill-Istati Membri waqt li dawn jipprovdu sostenn għar-ristrutturar ta' dan is-settur.

Permezz tas-Suq Uniku, l-Istati Membri kollha se jibbenefikaw direttament jew indirettament minn ordnijiet għal prodotti u servizzi bħala riżultat tal-pakkett ta' stimulu. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jieħdu l-aħjar effetti pożittivi li joħorġu mis-Suq Uniku, li kien u ser jibqa' il-mutur ta' prosperità ekonomika u soċjali u ta' ħolqien ta' impjiegi fl-UE.

Għal dan il-għan, l-azzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-għajnuna lill-ekonomija reali għandhom jissawru mill-**prinċipji** li ġejjin:

– Jinżamm il-**ftuħ** fis-suq intern, filwaqt li tissokta l-ħidma ta' tneħħija ta' ostakli u jiġi evitat li jinħolqu ostakli ġodda.

– Jiġi żgurat li ma ssir l-**ebda diskriminazzjoni** billi l-prodotti u s-servizzi minn Stati Membri jiġu trattati f'konformità mar-regoli tal-UE u l-prinċipji tat-Trattati.

– Isiru interventi biex jinkisbu l-**għanijiet li għandna fuq medda itwal ta' żmien**: l-iffaċilitar ta' bidla strutturali, it-tisħiħ tal-kompetittività fit-tul u l-indirizzar tal-isfidi ewlenin bħall-bini ta' ekonomija b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju.

– Tittieħed kunsiderazzjoni sħiħa tal-importanza kruċjali li l-SMEs japplikaw il-prinċipju li "fil-bidu ma narawx kbir".

– Isir skambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prassi biex **jinkiseb l-aktar impatt globali pożittiv** permezz ta' effetti fuq skala kbira.

– Il-koordinazzjoni tal-isforzi u t-tfassil ta' miżuri b'mod li jkunu jistgħu joħolqu **sinerġiji** ma' dawk meħuda minn Stati Membri oħra. Kooperazzjoni aktar b'saħħitha fil-livell Ewropew hija importanti f'dawn ir-rigward.

– Isir użu responsabbli tal-flessibbiltà pprovduta mill-patt imġedded ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jippermetti li **d-defiċits tal-gvernijiet jitreġġgħu lura lejn pożizzjonijiet konsistenti**

ma' finanzi pubbliċi sostenibbli malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jiġu indirizzati b'mod qawwi l-kawżi tal-iżbilanċi makroekonomiċi.

– Is-Suq Uniku jinżamm **miftuħ għas-sħab kummerċjali tagħna** u jiġu rrispettati l-impenji internazzjonali, partikolarment dawk li saru fid-WTO.

F'konformità tal-PREE, issa l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti ta' stimulu fiskali jimxu id f'id mal-aċċelerazzjoni tar-riformi strutturali fl-oqsma enfasizzati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-istrateġija ta' Liżbona. Dan huwa l-aħjar mod kif jiġi żgurat li issa n-nefqa tkun waħda effikaċi, li żżid il-potenzjal ġejjieni għat-tkabbir u li tagħmel l-anqas dannu għal-prospettivi fiskali fit-tul tal-ġejjieni. Huwa tassew essenzjali wkoll li l-Ewropa tieħu l-opportunitajiet ta' din il-kriżi u tarma ruħha bl-aħjar mod biex tilqa' l-isfdi ta' ekonomija dinjija ġdida, b'bażi fuq użu anqas tal-karbonju, l-innovazzjoni, l-ICT u l-ħiliet.

Il-Kummissjoni se ssegwi l-progress fuq bażi regolari u se tirrapporta dwaru fil-ħin għall-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li jmiss. B'kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-PREE, il-Kummissjoni bi ħsiebha wkoll tibda tħejji l-Istrateġija ta' Liżbona għal wara l-2010.

4. L-GĦAJNUNA LILL-PERSUNI MATUL IL-KRIŻI

L-impatt tat-tnaqqis fuq il-familji u l-ħaddiema kull ma jmur qiegħed dejjem jikber. Wara prestazzjoni tajba f'dawn l-aħħar snin, issa s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol sejra lura b'rata mgħaġġla u b'mod sinifikanti. Il-Kummissjoni tbassar li fuq is-sentejn li ġejjin, it-tkabbir tal-impjiegi se jkun fin-negattiv. Il-qagħad mistenni jiżdied b'rata għolja. Għalkemm l-istampa tvarja minn Stat Membru għal ieħor, din is-sena r-rata globali tal-impjiegi mistennija tonqos b'1.6% - madwar 3.5 miljun impjieg – u fl-2010 r-rata tal-qgħad fl-UE tista' tilħaq l-10%.

Xi aġġustamenti fis-suq tax-xogħol jirreflettu l-impatt tar-riformi strutturali li rnexxew fl-imgħoddi. Filwaqt li dan jista' jiffaċilita t-titjib aktar mgħaġġel meta l-ekonomija tirpilja, għadu jidher biċ-ċar li fuq żmien qasir, it-tbatija se tkun kbira. Iż-żgħażagħ, dawk b'kuntratti qosra, u l-ħaddiema migranti x'aktarx li se jintlaqtu l-agħar.

4.1. It-tnaqqis tal-ispejjeż umani tal-kriżi

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri introduċew miżuri dwar l-impjiegi u miżuri soċjali bħala sostenn lill-persuni u biex itaffu l-ispejjeż umani tal-kriżi. Filwaqt li l-Istati Membri huma minn ta' quddiem fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi, il-politiki Ewropej huma ta' valur miżjud billi jgħinuhom ifasslu u jimplimentaw risponsi efettivi għall-isfida tal-impjiegi u tal-koeżjoni soċjali.

L-Istati Membri ffokaw il-miżuri tagħhom fuq erba' tipi wisgħin ta' prijoritajiet:

– Miżuri li jimmiraw li **jżommu l-impjiegi eżistenti:** konċessjonijiet għal żmien qasir fuq l-impjiegi, tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, sussidji fuq is-salarji u sostenn lill-SMEs;

– Miżuri li **jiżguraw ir-(ri)integrazzjoni rapida fis-suq tax-xogħol:** taħriġ vokazzjonali u sostenn lill-iżvantaġġjati, tibdil fil-benefiċċji f'każ ta' mard jew diżabilità, u regoli ta' eliġibbiltà ġodda fir-rigward tal-benefiċċji tal-qgħad;

– Miżuri ta' **sostenn għal dawk li huma l-aktar dgħajfa:** żieda fid-dħul/salarju minimu, benefiċċji ta' kopertura estiża jew benefiċċji li jkopru ż-żmien tal-qgħad, konċessjonijiet ogħla għad-djar u l-familji, tnaqqis jew eżenzjonijiet tat-taxxi, u miżuri kontra d-dejn żejjed jew il-possessjoni mill-ġdid;

– Miżuri li **jsaħħu l-ħarsien soċjali u jinvestu f'infrastruttura soċjali u tas-saħħa:** investimenti fid-djar, sptarijiet, kura primarja, infrastruttura ta' kura fit-tul u skejjel, u azzjonijiet li jgħinu lill-fondi ta' pensjonijiet jilħqu l-obbligazzjonijiet fit-tul tagħhom.

L-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tal-kriżi għadu qed jiżviluppa, u huwa eħrex milli mistenni meta ddaħħlu fis-seħħ l-ewwel miżuri. Għalhekk, għandhom jiżdiedu l-isforzi fil-livelli kollha sabiex jiġi indirizzat il-qgħad, u biex l-iskemi tal-benefiċċji soċjali, tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika jiġu adattati u mmodernizzati. Sostenn fuq id-dħul flimkien ma' miżuri attivi se jistimulaw id-domanda, jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għall-impjieg li jmiss u jevitaw l-esklużjoni soċjali.

Sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-isforzi tagħhom li jindirizzaw il-kriżi u li jimplimentaw il-miżuri ta' rkupru, l-istrumenti finanzjarji disponibbli qegħdin jissaħħu. It-tiġdid tal-**Fond Ewropew għall-Aġġustament tal-Globalizzazzjoni**[8] se jippermetti li dan il-fond ikun attivat aktar malajr bħala sostenn għal ħaddiema milquta minn tnaqqis sinfikanti fl-impjiegi u l-komunitajiet tagħhom.

Il-programmi kurrenti tal-**Fond Soċjali Ewropew (FSE)** jgħinu lil 9 miljun ħaddiem kull sena; EUR 10.8 biljuni f'għotjiet huma disponibbli mill-FSE fl-2009 biss. Il-Fond jista' jirrispondi għall-ħtiġiet ikkawżati mill-kriżi, pereżempju li jtejjeb id-domanda u l-proviżjon ta' tqabbil tal-ħiliet mal-impjiegi, jappoġġja inizjattivi konġunti mis-sħab soċjali, jippromwovi l-innovazzjoni soċjali u l-partenarjati tal-impjiegi, jew isaħħaħ is-servizzi tal-impjiegi pubbliċi. Is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-FSE[9] se tippermetti żieda immedjata ta' EUR 1.8 biljuni fi ħlasijiet bil-quddiem. Fil-każijiet kollha fejn hemm il-ħtieġa li l-ipprogrammar tal-FSE jiġi adattat għall-ħtiġiet tal-kriżi, il-Kummissjoni se tiżgura li t-tibdil fil-programmi jsir fl-anqas żmien possibbli.

Filwaqt li miżuri ulterjuri għas-sostenn tal-impjiegi għandhom jitfasslu mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-Sħab Soċjali, għall-kundizzjonijiet ekonommiċi speċifiċi u għas-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol, huwa importanti li dawn jibqgħu konsistenti mal-ħtiġiet ta' riforma strutturali fit-tul. Il-miżuri għandhom jiffaċilitaw il-proċess ta' ristrutturar fit-tul tal-aktar settur milquta b'mod gravi, isaħħu l-kompetittività u l-kapital uman tagħhom. Għandhom ukoll jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi fit-tul ewlenin bħall-impatt ta' demografija li qed tixjieħ fuq il-provvista ta' ħaddiema u li jittieħdu l-opportunitajiet tal-ekonomija b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Sabiex isir l-aħjar użu mill-effetti pożittivi, u biex l-isfidi bla preċedent tal-kriżi jiġu indirizzati aħjar b'mod kollettiv, il-Kummissjoni se tippromwovi t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prassi madwar l-Istati Membri.

L-**elementi** li li ġejjin jistgħu jgħinu lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri xierqa u effettivi:

– **Iż-żamma tan-nies fl-impjiegi,** speċjalment billi jingħata sostenn finanzjarju għal

[8] COM (2008) 867, 16.12.2008.
[9] COM (2008) 813, 26.11.2008.

arrangamenti temporanji ta' ħinijiet ta' xogħol flessibbli. L-aġġustament temporanju tal-ħinijiet tax-xogħol ("ħinijiet qosra") b'mod konformi mal-ħtiġiet tal-produzzjoni jista' jkun sors importanti ta' flessibbiltà min-naħa tal-impjegati. Billi jevita sensji bil-massa, dan jista' jtaffi l-impatt soċjai tal-kriżi, jeludi spejjeż konsiderevoli ta' sensji u impjegar mill-ġdid għall-kumpaniji, u jevita li jintilef kapital uman speċifiku għall-kumpaniji. Jeħtieġ li tali azzjoni timxi id f'id ma' miżuri li jsostnu l-kapaċità għall-impjieg u li jiggwidaw lill-persuni lejn impjiegi ġodda, li jagħtu s-setgħa lill-ħaddiema li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ġodda meta s-sitwazzjoni taqleb għall-aħjar. Jeħtieġ li dawn il-miżuri jkunu koordinati biex jiġu evitati effetti negattivi fi Stati Membri oħrajn.

– **It-tisħiħ tal-attivazzjoni u jiġi pprovdut sostenn adegwat għad-dħul** lil dawk li ntlaqtu l-agħar mit-tnaqqis ekonomiku, b'użu sħiħ tal-benefiċċji tal-ħarsien soċjali, f'konformità mal-approċċ ta' flessigurtà. F'dawk il-pajjiżi fejn l-assigurazzjoni tal-qgħad hija strettament limitata biż-żmien, il-kunsiderazzjoni tal-kopertura għandhom jiġu estiżi fuq bażi temporanja /jew it-tisħiħ tad-dħul minimu. L-inċentivi li jinstab impjieg m'għandhomx jintmessu, u gruppi dgħajfa għandhom ikunu sostnuti f'konformità mal-istrateġija ta' inklużjoni attiva.

– **L-investiment fit-taħriġ mill-ġdid u għat-tisħiħ tal-ħiliet** partikolarment għal ħaddiema b'kuntratti qosra f'setturi li sejrin lura. Għandha tingħata preferenza għal taħriġ immirat għal ħtiġiet ġejjiena tas-suq tax-xogħol, bħall-impjiegi "ekoloġiċi". Għalhekk għandha titħeġġeġ l-antiċipazzjoni tal-ħtiġiet ta' ħiliet fil-ġejjieni. Is-Servizzi tal-Impjiegi għandhom jissaħħu biex ilaħħqu maż-żieda fil-qgħad.

– **Il-mitigazzjoni tal-impatt dirett tal-kriżi finanzjarja għall-individwi** permezz ta' miżuri speċifiċi li jevitaw id-dejn żejjed u li jżommu aċċess għas-servizzi finanzjarji. F'pajjiżi bi skemi prefinanzjati akbar fis-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom, l-irkupru tal-fondi tal-pensjonijiet se jkun essenzjali għall-ħarsien tad-dħul kurrenti u ġejjieni tal-pensjonanti.

– **L-iżgurar tal-moviment ħieles tal-ħaddiema** fis-Suq Uniku li se jkun l-għajn ta' opportunitajiet ġodda. Dan jista' jindirizza l-persistenza ta' nuqqas ta' tqabbil bejn il-ħiliet u l-ħtiġiet tas-suq tal-impjiegi, anke matul din is-sitwazzjoni diffiċili. F'dan il-kuntest, id-Direttiva dwar il-Kollokazzjoni ta' Ħaddiema (Posted Workers Directive) sservi biex tiffaċilita l-moviment ħieles tal-ħaddiema fil-kuntest tal-għoti transkonfinali ta' servizzi, filwaqt li tissalvagwardja b'mod effettiv kontra d-dumping soċjali. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati membri u mas-Sħab Soċjali dwar interpretazzjoni komuni tad-Direttiva biex tiżgura li l-applikazzjoni prattika tagħha – partikolarment il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri - taħdem kif suppost.

– Il-kunsiderazzjoni ta' **miżuri ta' sostenn** bħat-tnaqqis tal-ispejjeż li ma jaqgħux fl-ambitu tas-salarji għal ħaddiema b'ħiliet limitati. L-iżviluppi fis-salarji u l-miżuri fiskali għandhom jikkunsidraw il-pożizzjoni kompetittiva u t-tkabbir tal-produttività partikolari ta' kull Stat Membru.

– L-għoti ta' sostenn suffiċjenti biex jiġu indirizzati l-problemi tal-**qgħad fost iż-żgħażagħ** u tal-istudenti li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien. Iż-żmien li żgħażugħ iqatta' 'il bogħod mis-sistema edukattiva jista' jkollu konsegwenzi dejjiema. L-Istati Membri għandhom jitħejjew għal żieda fid-domanda għall-**edukazzjoni u t-taħriġ**, hekk kif l-istudenti ta' bħalissa jibqgħu l-iskola u l-ħaddiema jfittxu li jitħarrġu mill-ġdid. F'dan ir-rigward, it-tkabbir ġejjien fis-suq tax-xogħol bħall-"impjiegi ekoloġiċi" diġà jistgħu jiġu antiċipati.

– L-integrazzjoni ta' miżuri bil-għan li jirrevedu l-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi fil-kuntest ta' **approċċ ta' flessigurtà** li jkopri l-komponenti kollha biex titnaqqas is-segmentazzjoni u jittejjeb l-iffunzjonar tas-swieq tax-xogħol.

4.2. Samit dwar l-Impjiegi għall-Ewropa

Approċċ fuq il-livell Ewropew jista' jkun ta' valur miżjud għall-isforzi tal-Istati Membri biex jiffaċċjaw l-isfida tal-impjiegi, filwaqt li jevita kwalunkwe effett ta' distorsjoni. Is-Samit Ewropew dwar l-Impjiegi li se jsir f'Mejju se jipprovdi l-opportunità li ssir valutazzjoni tas-sitazzjoni li qed tiżviluppa, u sabiex jintlaħaq ftehim dwar miżuri konkreti ulterjuri. Dan se jitħejja flimkien mas-Sħab Soċjali u se jibni fuq il-progress li sar fl-Aġenda Soċjali Mġedda fuq is-sena li għaddiet.

Is-Samit għandu jikseb tliet għanijiet:

– Għandu jaċċellera l-irkupru billi jiffoka fuq ir-riforma strutturali biex jinħolqu swieq tax-xogħol aktar flessibbli, sikuri u inklussivi.

– Għandu jilħaq ftehim dwar approċċ f'kollaborazzjoni biex jitnaqqas l-impatt soċjali tal-kriżi.

– U għandu jniedi kunsens ġdid mas-Sħab Soċjali u l-partijiet interessati dwar kif il-politiki soċjali jistgħu jiġu modernizzati b'mod li jkun ta' benefiċċju kemm għall-impjegati kif ukoll għal min jimpjega.

Tista' ssir enfasi partikolari għal miżuri li jopponu l-qgħad, b'attenzjoni speċjali għall-integrazzjoni ta' dawk il-ħaddiema fis-suq tax-xogħol li huma iżgħar fl-età u aktar vulnerabbli. Is-Samit għandu jagħti ħarsa lejn kif il-politiki tal-UE jistgħu jgħinu aħjar lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, partikolarment fl-indirizzar tad-dgħufijiet strutturali tas-swieq tax-xogħol konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

Is-Samit se jitħejja flimkien mas-Sħab Soċjali u f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha. Biex jinġabar kontribut fir-rigward tat-temi u l-eżiti li jistgħu joħorġu mis-Samit, il-Kummissjoni se torganizza sensiela ta' werkxops f'għadd ta' Stati Membri differenti biex tiġbor flimkien lill-Parlament Ewropew, lis-Sħab Soċjali, lill-NGOs u lis-soċjetà ċivili. Dan se jikkumplimenta l-iskambji li għaddejjin li l-Kummissjoni qed tagħmel mal-Istati Membri u mas-Sħab Soċjali fid-djalogu soċjali Ewropew. Dawn il-proċess wiesa' u miftuħ ta' tħejjija għandu jservi bħala bażi soda għall-bini ta' kunsens ambizzjuż biex f'Mejju jitressqu sensiela ta' azzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod konkret.

5. IL-PROMOZZJONI TAL-IRKUPRU GLOBALI: IL-KONTRIBUT EWROPEW GĦAS-SAMIT TAL-G-20

Din hija kriżi globali. L-iskala u r-ritmu li bihom xokk f'suq finanzjarju wieħed ta' importanza sistemika ma damx ma laqat lis-sistema finanzjarju u xtered għall-ekonomiji reali madwar id-dinja għadhom kemm urew kemm id-dinja saret waħda interdipendenti.

L-UE kellha rwol prinċipali fit-trawwim tar-rikonoxximent li teżisti l-ħtieġa għal soluzzjonijiet globali. Fuq inizjattiva tal-UE, is-Samit tal-G-20 ta' Washington ta' Novembru

2008 qabel dwar pjan ta' azzjoni għat-tiġdid tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali b'mod li tiġi aġġornata mar-realtajiet tal-globalizzazzjoni.

L-UE għandha tibqa' titkellem b'leħen wieħed fis-Samit tal-G-20 ta' londra tat-2 ta' April. Aħna nistgħu nkunu sieħeb b'saħħtu u influwenti f'din il-ħidma, meta titqies l-esperjenza twila u ta' suċċess li għandna fir-rigward tal-integrazzjoni ta' swieq reġjonali u tal-bini effettiv ta' istituzzjonijiet.

Hekk kif l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru Ekononomiku Ewropew timxi 'l quddiem, fl-isfond ta' riforma ambizzjuża tas-swieq finanzjarji Ewropej, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni partikolarment tajba biex tkun minn ta' quddiem u tipproponi soluzzjonijiet li jistgħu jagħtu riżultati effikaċi fil-livell globali.

Dawn l-isforzi għandhom ikunu konsistenti mal-ħtieġa ta' soluzzjonijiet globali fil-qasam tat-tibdil fil-klima. It-tranżizzjoni għal ekonomija b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha toħloq opportunitajiet ġodda ta' tkabbir mhux biss fl-Ewropa iżda madwar id-dinja. Għalhekk is-Samit ta' Londra għandu jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għal eżitu ambizzjuż fuq livell globali għan-negozjati tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima li se jsir f'Kopenħagen f'Diċembru tal-2009.

Aħna għandna niżguraw li s-Samit ta' Londra jipproġetta messaġġi ċari dwar il-ħtieġa li s-swieq globali jinżammu miftuħin. Filwaqt li jeżisti rikonoxximent globali li l-esperjenza storika li l-protezzjoniżmu matul tnaqqis fl-attività ekonomika jwassal għal sitwazzjoni diżastruża, il-pressjonijiet domestiċi għall-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi jistgħu jkunu b'saħħithom. Huwa essenzjali li l-messaġġ f'dan ir-rigward ikun mingħajr ebda ambigwità biex dawn ir-riskji jinżammu lura.

Il-kandidati potenzjali tal-UE u l-pajjiżi ġirien ukoll qegħdin iħossu l-impatt tal-kriżi. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li taħdem mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u internazzjonali biex tagħti s-sostenn tagħha għall-istabbiltà ekonomika u l-iżvilupp tagħhom. Il-Kummissjoni laqgħet b'sodisfazzjoni l-pjan ta' azzjoni żviluppat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), il-BEI u l-Bank Dinji, biex tingħata għajnuna għat-tisħiħ tal-banek u għas-sostenn tas-self f'xi ekonomiji tal-Ewropea Ċentrali u tal-Lvant.

Fl-aħħarnett, minħabba l-effetti estensivi tal-kriżi globali u mit-tnaqqis fl-attività ekonomika li rriżulta fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, aħna għandna nirrispettaw l-impenn tagħna li ngħinuhom matul il-kriżi, biex joħorġu mit-triq tal-faqar u jaqbdu dik tat-tkabbir sostenibbli L-għajnuna li tingħatalhom għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju hija essenzjali għall-irkupru globali f'ekonomija miftuħa u sostenibbli.

L-UE għandha tirrispeta l-impenji tagħha fir-rigward tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), biex b'hekk din, flimkien mal-mezzi l-oħrajn li huma disponibbli, ikunu jistgħu jintużaw biex jistimulaw it-tkabbir, l-investiment, in-negozju, l-investiment, in-negozju u l-ħolqien tal-impjiegi. Permezz tal-istrumenti differenti tal-Kummissjoni, tal-Istati membri u tal-BEI, l-UE għandha tiffoka fuq attivitajiet bħall-agrikoltura, it-tibdil fil-klima u l-infrastruttura fejn jista' jinkiseb impatt kontroċikliku. Dawn l-isforzi għandhom isiru id f'id ma' aktar responsabbiltà min-naħa tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp biex jiżguraw governanza makroekonomika u fiskali tajba.

Fis-**Samit ta' Londra**, b'mod konsistenti mad-deċiżjoni interni tagħha li jinsabu għaddejjin, l-UE għandha tippromwovi ftehim dwar sett komprensiv ta' azzjonijiet konkreti li jistgħu jitwettqu. Is-Samit għandu jagħti impenji sodi **għat-titjib tas-sistema finanzjarja u**

regolatorja globali, biex l-atturi u l-istrumenti relevanti kollha jkunu suġġetti għal regolamentazzjoni u sorveljanza adegwati billi:

- **It-titjib tat-trasparenza u r-responsabbiltà:** Ir-regoli prudenzjali bankarji kif ukoll l-istandards tal-kontabbiltà għandhom jittejbu billi jiġu inklużi fihom mekkaniżmi kontroċikliċi u permezz ta' indirizzar xieraq tal-valur ġust. Ir-rekwiżiti kapitali tal-banek għandhom jirreflettu aħjar r-riskji ta' likwidità u ssir il-konverġenza mill-ġdid tat-titolizzazzjoni. L-istrutturi ta' governanza tal-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabbiltà għandhom jittejbu.

- **It-tisħiħ ta' regolamentazzjoni soda:** ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni, u b'mod partikolari l-istandards prudenzjali tal-Kumitat ta' Basel, għandhom jiġu estiżi għall-atturi sistemiċi relevanti kollha – għall-fondi ta' lqugħ, ekwità privata, u għal istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn li mhumiex irregolati. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżti severi biex jiġu żgurati l-kwalità u t-trasparenza tal-klassfiki u li jkunu ħielsa minn kunflitti ta' interess. Il-politiki tar-remunerazzjoni għandhom ikunu allinjati mill-ġdid biex ikun evitat teħid ta' riskju eċċessiv u biex ikunu suġġetti għal sorveljanza.

- **Il-promozzjoni tal-integrità fis-swieq finanzjarji:** Għandu jkun hemm lista ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx, sett ta' miżuri konġunti mfassla biex jintużaw fil-konfront ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx fl-oqsma tas-sorveljanza, tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, tal-iffinanzjar tar-terrorriżmu u tat-tassazzjoni. Il-banek għandhom jinżammu lura milli joperaw f'ċentri off-shore[10] permezz ta' żieda fir-rekwiżiti prudenzjali u regoli aktar severi ta' trasparenza. Ir-regoli dwar iż-żamma u t-trasferiment ta' titoli b'intermedjarji għandhom jiġu armonizzati fuq livell globali.

- **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sorveljanza:** Għandhom jiġu stabbiliti kulleġġi globali ta' superviżuri u jingħataw is-setgħat meħtieġa biex ikunu effettivi. Is-superviżuri għandhom jiskambjaw il-prassi tajba u jippromwovu l-konverġenza globali tal-prattiki.

- **Il-Forum tal-Istabbiltà Finanzjarja** (FSF) għandu jitkabbar qabel is-Samit tat-2 ta' April, biex jinkludi l-pajjiżi emerġenti maġġuri kollha u l-Kummissjoni Ewropea.

- **Ir-riforma tal-governanza tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali:** is-Samit ta' Londra għandu jilħaq ftehim dwar skeda ta' riformi ulterjuri tal-governanza tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u tal-Bank Dinji. Għandha ssir reviżjoni tal-ogħla ħatriet ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet.

- **It-tisħiħ tal-FMI:** L-Istati Membri għandhom jippreżentaw kontribuzzjoni konġunta tal-irduppjar temporanju tar-riżorsi tal-FMI. L-FMI għandha ssaħħaħ is-sorveljanza tagħha, billi tapprofondixxi l-kopertura tal-kwistjonijiet tas-settur finanzjarju, issaħħaħ is-sorveljanza multilaterali, tiżgura konslutazzjonijiet multilaterali inkluża r-revoka ordnata tal-iżbilanċi globali. Il-kooperazzjoni mal-FSF għandha tissaħħaħ u jiġu stabbiliti mekkaniżmi konġuniti ta' twissija bikrija. Il-membri tal-FSF u pajjiżi relvanti oħra li huma sistemikament importanti għandhom jiġu vvalutati regolarment mill-FMI u d-dgħufijiet identifikati għandhom jgħaddu fil-mekkaniżmi ta' twissija bikrija. Ir-riformi għandom

[10] Minn hawn u ftit żmien ieħor il-Kummissjoni ser tagħmel proposti dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' tassazzjoni fl-UE u ma' pajjiżi terzi.

jinkludu proċeduri onterni u għandhom jiżguraw li l-konklużjonijiet ewlenin tas-sorveljanza tal-FMI jingħaddew lill-Kunsill Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali.

– **L-iżvilupp tal-Bank Dinji u ta' Banek tal-Iżvilupp Reġjonali:** Il-banek għandhom jimplimentaw l-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħhom b'manjiera flessibbli biex jagħtu għajnuna bil-quddiem biex itaffu l-effetti tal-kriżi, partikolarment għal popolazzjonijiet vulnerabbli. Dawn l-attivitajiet għandhom jingħataw il-finanzjament adegwat.

Is-Samit għandu jagħti s-**sostenn tiegħu għal tkabbir bilanċjat fis-swieq globali,** billi:

– **Jixpruna l-irkupru globali permezz ta' koordinazzjoni internazzjonali kostanti ta' miżuri fiskali** u l-impatt reali tagħhom. L-UE qed tagħmel il-parti tagħha fl-isforz flobali biex tirriġenera tkabbir. Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha tiżgura li l-miżuri fiskali kurrenti jkunu konsistenti ma' sostenibbiltà fiskali fit-tul. Barra minn hekk huma għandhom jipprovdu livelli suffiċjenti ta' investiment f'politiki fit-tul, bħall-innovazzjoni, l-edukazzjoni, l-effiċjenza tal-enerġija u l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Ladarba l-irkupru jaqbad sew, l-istimuli makroekonomiċi żgur li se jitneħħew b'mod ordnat u koordinat.

– **Jippromwovi kummerċ miftuħ** li jikkumplimenta l-istimulu fiskali. Il-pajjiżi tal-G-20 għandhom jimpenjaw ruħhom favur ftuħ ulterjuri tas-suq globali. Huwa essenzjali li s-sensiela ta' diskussjonijiet ta' Doha abbażi tat-testi tan-negozjati eżistenti dwar l-agrikoltura l-prodotti industrija jkunu konklużi qabel. Is-Samit ta' Londra għandu jafferma mill-ġdid pożizzjoni komuni qawwija kontra l-protezzjoniżmu, f'konformità mal-impenn għall-waqfien miftiehem f'Washington u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv stabbilit mid-WTO. L-imsieħba tal-G-20 għandhom juru d-determinazzjoni kollettiva tagħha li jimplimentaw dan l-impenn fl-ogħla livell politiku.

– Iniedi **inizjattiva multilaterali dwar il-finanzi tal-kummerċ** li ssaħħaħ l-isforzi tal-Grupp tal-Bank Dinji u aġenziji multilaterali oħra dwar l-iżvilupp biex jiżdiedu l-attivitajiet tal-finanzi tal-kummerċ.

– **Jippromwovi l-iżvilupp globali** bħala parti mis-soluzzjoni għall-kriżi globali u bażi għall-paċi u l-istabbiltà madwar id-dinja. Is-Samit ta' Londra għandu jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsostni l-isforzi ta' pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp biex jiġġeneraw tkabbir u fil-ġlieda kontra l-faqar, partikolarment permezz tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp fil-kummerċ internazzjonali, il-G-20 għandhom iżommu l-wegħda tagħhom ta' għajnuna għall-kummerċ u jagħtu aċċess ħieles minn dazji u kwoti għas-swieq tagħhom lill-anqas pajjiżi żviluppati.

6. KONKLUŻJONI

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi kif l-Unjoni Ewropea tista' tibni fuq il-passi li diġà ttieħdu biex tindirizza l-kriżi finanzjarja u ekonomika. Issa l-UE dieħla f'fażi ġdida ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru, bi ħtieġa għal koordinazzjoni effettiva tal-miżuri li qegħdin jittieħdu biex ikun żgurat li jaħdmu bl-aħjar mod biex jgħinu lin-negozji, lill-familji u lill-komunitajiet madwar l-Ewropa. Din il-Komunikazzjoni tirrifletti d-diskussjoni tal-Kapijiet ta' Stat U Gvern tal-1 ta' Marzu 2009 u tenfasizza li t-triq tal-irkupru titħaffef jekk il-miżuri fi Stat Membru wieħed jissawru b'mod li jkunu x-xrara li tqabbad l-irkupru f'pajjiżi oħrajn. Il-koordinazzjoni effettiva se twassal biex is-suq uniku jkun il-punt tat-tluq għall-irkupru.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa biex:

- Jilħaq ftehim dwar il-ħtieġa ta' pakkett ġdid ta' miżuri ta' riforma tas-settur finanzjarju flimkien ma' qafas ġdid ta' sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-UE, imsejjes fuq il-ħidma tal-grupp Larosière, u biex jiddeċiedi dwar l-elementi ewlenin ta' dan il-qafas ġdid fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, abbażi ta' proposti ulterjuri mill-Kummissjoni; u biex jistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu prijorità lill-adozzjoni tal-proposti dwar ir-regolament dwar is-servizzi finanzjarji li se jiġi propost mill-Kummissjoni fix-xxhur li ġejjin;

- Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja fit-tul hekk kif il-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu dan, f'konformità mal-verżjoni riveduta tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

- Jistieden lill-Istati Membri biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u tar-riformi strutturali;

- Jistieden lill-Istati Membri biex waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jsaħħu l-ekonomija reali japplikaw l-prinċipji komuni stabbiliti fit-taqsima 3.2;

- Jistieden lill-Istati Membri biex jgħinu b'mod effettiv lill-persuni waqt il-kriżi, billi jisiltu mill-elementi dwar l-azzjoni effettiva spjegati f'din il-Komunikazzjoni;

- Japprova l-proċess ta' tħejjija għas-Samit Ewropew dwar l-Impjiegi li se jsir f'Mejju;

- Japprova l-pożizzjoni konġunta Ewropea għas-Samit tal-G-20 f'Londra.